**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nhar L-Erbgha 12 ta' Lulju, 2017**

**Mandat Numru: 380/2017/1 JPG**

**Joseph Farrugia, fil-kummerc, bin Philip Farrugia u Emmanuela xebba Schembri, Imwieled iz-Zurrieq u residenti z-Zurrieq, u detentur tal-karta Tal-identita' bin-numru 727462(M); u Karmenu Farrugia, fil-kummerc, bin Philip Farrugia u Emmanuela xebba Schembri, imwieled iz-Zurrieq u residenti z-Zurrieq u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 972549(M)**

**VS**

**Francis Xuereb, fil-kummerc, iben Joseph Xuereb u Rose Xuereb xebba Camilleri, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, u residenti Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 20078(G)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Joseph Farrugia u Karmenu Farrugia, datat 7 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk;

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni*

*kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari;*

*i) Nofs indiviz ta' l-appartament minghajr l-arja tieghu, internament maghruf bin-numru tnejn (2) li jinsab fil-first floor level ta' korp bini minghajr numru u minghajr isem fi Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex. Dan l-appartament huwa l-uniku appartament f'dan is-sular tal-blokk. Il-blokk kullu jikkonfina punent mat-triq, tramuntana ma beni tal-konjugi Azzopardi u nofsinhar ma beni ta' Agostino Cauchi;*

*ii) Il-porzjon diviza minn art imsejha 'Tat-Torri' sive Ta' Santa Cecilja, fil-limiti ta' Ghajnsielen, Ghawdex, tal-kejl ta' madwar mitejn u hamsa u sebghin punt hamsa metri metri kwadri (275.5m.k.) u tmiss mit-tramuntana mat-triq imsemija u mil-Lvant u mill-punent ma' beni ta' Joseph Xuereb jew aventi causa minnu, kif ahjar deskritta fl-att pubbliku min-Nutar Paul George Pisani ta' l-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001).*

*Billi dawn huma l-unici assi ta' l-intimat, u billi wkoll dawn l-assi huma diga' mtaqqlin bi drittijiet ta' preferenza u djun favur terzi, qed jintalab li dan il-mandat jigi milqugh provvizjorjament a tenur ta' l-Artikolu 875 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz tal-affissjoni a Fol 20 tal-process.

Rat ir-Risposta ta' Franics Xuereb (ID 20078G), datata 24 t'April 2017, (vide fol 22), li taqra hekk;

***Jesponi bir-rispett***

*Illi t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi Joseph u Karmenu ahwa Farrugia qatt ma kellhom ebda relazzjoni guridika personalment mal-esponenti izda mas-socjeta' NFR Limited;*

*Illi l-imsemmija proprjeta' li r-rikorrenti jinstab jitlob li tigi milquta mill-imsemmi mandat hija proprjeta' personali u tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-esponenti u martu u hija provileggata u ipotekata favur il-Bank HSBC;*

*Illi l-esponenti qatt ma gie notifikat ufficjalment bi proceduri fil-konfront tieghu u huwa jinstab imsiefer fil-Marokk fejn jahdem;*

*Illi l-imsemmi att gie mgharraf lilu wara li gie affiss mar-residenza tal-familjari tieghu li ikkonsenjaw l-istess atti lill-avukat sottoskritt li gharraf lil-esponenti dwar it-talba ghall-hrug tal-imsemi mandat ta' inibizzjoni u l-htiega li tinghata spjegazzjoni u risposta opportuna lil din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-esponenti flimkien mad-diretturi l-ohra Neville Muscat u Roger Xuereb ghan-nom tas-socjeta' NFR Limited ghamel dak kollu fil-kapacita tieghu sabiex s-socjeta' tonota l-obbligi minnha assunti u baqa' jahdem sabiex s-socjeta' tkun tista' thallas lura il-kredituri taghha;*

*Huwa jsostni illi d-debitu favur l-ahwa Farrugia rigward dumping dees kien gie sostanzjalment mhallas u l-bilanc ta' €32,002.60 kif jikkonferma* ***Dokument FX 1*** *hawn anness juri l-bilanc rejalment dovut mis-socjeta' NFR Limited;*

*Illi l-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tieghu personalment certament huwa irritu u null u l-esponenti dejjem sahaq illi huwa dispost jinnota l-hlas tal-imsemmi debitu skond l-assi illi huwa jzomm fl-istess kumpanija;*

*Kif premess fl-istess mandat mir-rikorrenti Farrugia s-socjeta' NFR Limited (C49560) kienet giet dikjarata insolventi b'sentenza tat-30 ta' Novembru 2015. Kif premess l-esponenti kien imsiefer u certament ma kienx edott mill-atti gudizzjarji su citati;*

*Illi d-diretturi l-ohra senjatament Neville Muscat u roger Xuereb naqsu milli jaqblu li jassumu l-hlas fil-kwota tal-assi taghhom fl-imsemmija socjeta' sabiex jhallsu lill-kredituri fosthom ir-rikorrenti Farrugia;*

*Illi bil-kumpanija insovlenti l-esponent kellhu jmur jahdem barra minn Malta u ma ghandhu ebda kuntatti mad-diretturi l-ohra. Huwa kien ittenta jikkomunika maghhom u sahasitra interpellahhom sabiex jassumu r-respponsabilita taghhom konguntivament izda mhux biss baqghu inadempjenti izda ma rrispondew qatt ghal tali talbiet. In konferma ta' dan jinstab jippresenta* **dokument FX 2** *li hija ittra legali mibghuta fid-29 ta' Mejju 2014 u* **Dokument FX 3** *tal-5 ta' Jannar 2015. L-unika risposta kienet minghand Roger Xuereb hawn annessa bhal* **Dokument FX 4***;*

*Illi l-fatt illi s-socjeta' NFR Limited giet dikjarat insolventi ma jaghtix dritt awtomatiku li l-ahwa Farrugia rikorrenti jitolbu l-mandat ta' Inibizzjoni fuq assi personali tad-diretturi fil-vesti taghhom personali u jolqtu u jaqbdu assi personali; kull mandat ta' Inibizzjoni anke fuq basi ta' prima facie jehtieg jkollu provi li l-esponenti agixxa frawdolenti;*

*Il-kawza ppresentata a tenur tal-Artikolu 315 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji in kwantu r-Rikors presentata 1163/2016LM sabiex il-Qorti tikkundanna lid-diretturi li agixxew b'mod frawdolenti u ghandhom jirrisppondu personalment ghall-agir taghhom ma taghtix ebda dritt awtomatiku li l-atturi rikorrenti li jitolbu mandati fil-konfront tal-istess diretturi personalment;*

*Ma jesisti ebda prova prima facie li l-esponent mexa jew naqas mid-doveri tieghu u wisq anqas li agixxa b'mod frawdolenti u/jew doluz sabiex jaghmel gwadan personali ghalih a skapitu tal-kredituri. Id-dokumenti esebiti jikkonfermaw illi huwa baqa' jinsisti li s-socjeta' tonora l-obbligi taghha u mhux kif premess mir-rikorrenti.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal-ragunijiet li jistghu jigu esposti waqt is-smiegh tal-kaz umilment jintalab li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni fuq proprjeta' personali tal-esponenti;*

*Bir-rispett."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju, 2017 (Vide Fol 40) fejn ir-rikorrenti qeghdin jaqblu li l-ammont ta' 7000 Ewro indikat f'dokument FX a fol 24 tal-process bl-entrata Feb'12 transfer of credit from Attard Bros, ghandu jitnaqqas minn kull ammont dovut lir-rikorrenti stess.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-8 ta' Mejju, 2017 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi t-termini legali jigu estizi (vide fol 31).

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju, 2017 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar xhieda x'jipproducu.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Joseph Farrugia** xehed a fol 32 *et seq* illi r-rikorrenti ma thallsu xejn mill-ammont dovut lilhom skont is-sentenza li hadu kontra s-socjeta NFR Limited, liema flejjes huma dovuti ghaliex NFR Limited kienu jarmu it-terrapien fil-barriera taghhom.

**In kontro-ezami** xehed a fol 33 *et seq,* u a fol 41 *et seq* illi tal-NFR kienu jmorru jhottu t-terrapien fil-presenza ta' huh, Carmel Farrugia, li kien jiehu hsieb jikteb il-karti. Innega li fadal biss €30,000 mill-ammont ta' €70,000 originarjament dovut, izda kkonferma illi kien hemm parti fejn NFR kienet tathom *credit notes,* pero qal illi dawn l-affarijiet iktar kien jiehu hsiebhom huh. Xehed illi fethu proceduri kontra d-diretturi ta' NFR personalment peress illi meta marru biex jithallsu sabu li s-socjeta ma kellha ebda assi.

Fir-rigward tal-*credit note* fis-somma ta' €7,144 xehed illi meta marru ghand Attard Brothers dawn qalulhom li din il-*credit note* ma tezistix. **Ikkonferma pero li *l-credit note* fis-somma ta' €7,000 issarfet.**

**Karmel Farrugia** xehed a fol 36 *et seq* u kkonferma x-xhieda ta' huh Joseph Farrugia. Xehed illi Frans Xuereb u Neville Muscat, diretturi ta' NFR Limited, kienu dejjem jghidulhom li ser ihallsuhom izda dan qatt ma gara.

**In kontro-ezami** a fol 37 *et seq* xehed illi l-hlasijiet dejjem saru mill-kumpanija NFR u mhux mid-diretturi personalment, u qal illi l-karti, tpartiti, l-fatturi u hlasijiet kien jiehu hsiebhom ibnu.

**In re-ezami** a fol 38 *et seq* xehed illi il-*credit notes* ta' Frar 2012 fis-somma ta' €7,000 u dik tat-12 ta' Frar 2012 fis-somma ta' €7,858 kienu haduhom bi tpartit, ma xoghol minn societa' ohra izda kienu ghadhom ma ssarfux effettivament.

**Francis Xuereb** xehed a fol 44 *et seq* illi huwa kien holoq is-socjeta NFR Limited fl-2010 u kien xtara gaffa li ghaliha kien ha self mill-bank li ghadu qed jithallas sal-gurnata tal-llum minnu personalment. Ikkonferma illi s-socjeta NFR Limited kienet titfa' t-terrapien fil-barriera tar-rikorrenti, izda meta kien jahdem ghal rasu, qatt ma kellhu negozju mar-rikorrenti. Xehed illi meta kienu iddeciedew li jwaqqfu l-operat ta' NFR, u wara li gie lura mill-Marokk, kien ghamel laqgha mar-rikorrenti fejn qalilhom li hu lest li jhallas sehemhu. Xuereb rega kkonferma illi hu kien lest li jhallas is-sehem tieghu mill-ammont li NFR kellha taghti. Xehed li dan ma kienx sar ghaliex meta kienu marru ghand nutar kien qalilhom illi bilfors irid ikun hemm it-tliet diretturi f'daqqa, u huh Neville Muscat irrifjuta.

**In kontro-ezami** xehed illi l-kumpanija NFR giet inkorporata fl-2010, u ikkonferma li kellha kontijiet il-bank, u kellha kont kurrenti, b'*cheque book* li setgha jiffirma hu biss. Ma ftakarx kemm kienet dahlet flus is-socjeta NFR fis-sentejn li kienet topera, u lanqas kemm kellha spejjez. Xehed illi xi ghodda haduha l-Marokk peress illi sabu opportunita hemmhekk, u dik li baqghat Malta tinsab ghand Neville Muscat. **Xehed illi l-ahhar pagament li harget il-kumpanija kien ta' €45,000 ghall-vapur biex jiehu l-ghodda l-Marokk, u dak ta' qablu, kien fl-ammont ta' €70,000 ghal vapur u d-dwana biex imorru l-Marokk.** Xehed li fil-Marokk il-kumpanija tbiddlet peress illi kien hemm xi

inkwiet bejn id-diretturi. Xehed illi meta telghu ghal dan il-progett il-Marokk, nefqu kollox. Mistoqsi kif ma hasibx biex ihallsu il-kredituri qabel ma telqu, la kellhom €115,000 biex jitraslokaw il-Marokk, wiegeb li kullhadd jiehu zball. Ikkonferma illi r-rikorrenti ghadhom ma thallsux, u li hu lest ihallas sehemhu. Xehed illi l-ispiza biex tingieb l-ghodda mill-Marokk, tqum aktar milli tiswa l-ghodda.

**Francesco Farrugia** xehed illi hu kien jiehu hsieb ir-ricevuti meta kienu jmorru t-trakkijiet u kien jiehu hsieb ir-rendikont tal-*accounts* taghhom. Xehed li ma kull kont li kien qed jintbghat kien qed isir hlas peress kellhom hafna arretrati. Rigward il-*credit notes* xehed illi kien hemm wahda fl-ammont ta' €9,000 f'Jannar 2012 u ohra fis-somma ta' €7,000, u kienu kkonfermaw ma' Attard Brothers, l-ezistenza ta' dawn il-*credit notes*. Ikkonferma li l-*credit note* ta' €7,144 ma kienetx tezisti ghaliex mir-ricerki li ghamlu ma' Attard Brothers, rrizulta illi din giet moghtija u msarfa minn kumpanija debitrici ohra.

**Ikkonsidrat;**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie,* biex jimmerita harsien.

Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Il-hrug ta' dan il-mandat qieghed jigi mitlub mir-rikorrenti kontra l-intimat sabiex jikkawtela l-pretensjoni tieghu fis-somma ta' erbgha u hamsin elf, erbgha mija u wiehed u tmenin ewro (€54,481) oltre imghax u spejjes dedotta kontra l-intimat personalment bhala direttur tal-kumpanija NFR Limited fil-kawza bin-numru 1163/2016 LM. L-istess kumpanija NFR Limited kienet giet dikjarata insolventi permezz ta' sentenza datata 30 ta' Novembru 2015.

Il-Qorti tqis illi l-pretensjoni tar-rikorrenti m'hijiex sempliciment *money claim* peress illi hija rradikata fir-responsabbilita personali tal-intimat, *qua* direttur, ta' kumpanija insolventi, minhabba *fraudulent or wrongful trading.* Barra minn hekk, gie premess mir-rikorrent, u bl-ebda mod kontestat mill-intimat, illi l-proprjeta in kwistjonu hija l-unika ass tal-intimat. Di piu' fuq din il-proprjeta hemm gravanti diversi drittijiet ta' preferenza u djun ta' terzi.

Jirrizulta u mhux kontestat illi s-socjeta NFR, li taghha l-intimat kien wiehed mid-diretturi, ma kelliex bizzejjed flus biex thallas lill-kredituri taghha. Jirrizulta wkoll izda mix-xhieda tal-intimat, illi hu kien iddecieda li jcaqlaq in-negozju ghal Marokk, u biex ghamel dan nefaq is-somma sostanzjali ta' iktar minn €100,000, b'mod illi ma halla ebda finanzi f'Malta sabiex jigu saldati d-debiti li kellha s-socjeta ntimata. Aghar minn hekk, ha l-ingenji tas-socjeta ntimata l-Marokk, b'mod illi, *ex admissis,* jekk ikollhom jingiebu lura Malta biex jissodisfaw il-kreditu tal-kredituri taghhom, l-ispiza biex jingiebu lura tigi iktar milli jiswew dawn l-ingenji. Ikkonstat dan, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ssodisfaw ir-rekwiziti hawn fuq imsemmija ghal hrug ta' dan il-mandat.

**Pero, fid-dawl ta' qbil bejn il-partijiet, il-kreditu dovut ghandu jigi ridott ghas-somma ta' €47,481 ie (€54,481 – €7,000).**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa‘ t-talba tar-rikorrenti kif redotta u tinibixxi lill-intimat milli jitrasferixxi, jbiegh, jew jassenja taht kwalsiasi titolu s-segwenti proprjetajiet:

i) **Nofs indiviz ta‘ l-appartament minghajr l-arja tieghu, internament maghruf bin-numru tnejn (2) li jinsab fil-first floor level ta‘ korp bini minghajr numru u minghajr isem fi Triq il-Merkanti, Ghajnsielem, Ghawdex. Dan l-appartament huwa l-uniku appartament f'dan is-sular tal-blokk. Il-blokk kollu jikkonfina punent mat-triq, tramuntana ma beni tal-konjugi Azzopardi u nofsinhar ma beni ta‘ Agostino Cauchi;**

ii) **Il-porzjon diviza minn art imsejha 'Tat-Torri' sive Ta‘ Santa Cecilja, fil-limiti ta‘ Ghajnsielen, Ghawdex, tal-kejl ta' madwar mitejn u hamsa u sebghin punt hamsa metri metri kwadri (275.5m.k.) u tmiss mit-tramuntana mat-triq imsemmija u mil-Lvant u mill-punent ma‘ beni ta‘ Joseph Xuereb jew aventi causa minnu, kif ahjar deskritta fl-att pubbliku min-Nutar Paul George Pisani ta‘ l-ghoxrin (20) ta‘ Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001).**

In oltre ai termini ta' Artikolu 874 (3) tal-Kapitolu 12, il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati tal-Gustizzja fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbiku u lir-Registratur tal-Artijiet bl-atti ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni odjern.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moghti Kameralment illum l-Erbgha 12 ta' Lulju 2017**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**